MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 433/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Gilmore Cachia**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, permezz ta’ att ta’ citazzjoni, kontra Gilmore Cachia bin Martin u Therese nee Carabott, talli fis-6 ta’ April 2006 ghall-habta tas-7.40 pm, fi Triq il-Mediterran, Pembroke, u qabel f’toroq ohra f’Malta, (**1**) saq vettura “mini moto” minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq, (**2**) saq vettura “mini moto” minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni, (**3**) saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien liebes il-*crash helmet*, (**4**) saq l-imsemmija vettura minghajr dawl jew b’dawl mhux skond ir-regolamenti tat-traffiku, (**5**) u minghajr pjanci tan-numri tar-registrazzjoni; u aktar (**6**)

saq l-imsemmija vettura “mini moto” minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta ghal dik il-vettura, u (**7**) b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta’ Dicembru 2007 li permezz taghha dik il-qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ l-imputazzjoni numru **7** billi din hija ripetizzjoni ta’ l-imputazzjoni numru **2**, izda sabet lill-imsemmi Gilmore Cachia hati skond l-imputazzjonijiet l-ohra u kkundannatu multa ta’ elf lira (Lm1,000) fuq l-ewwel (**1**), it-tieni (**2**) u s-sitt (**6**) imputazzjoni, kif ukoll ammenda ta’ ghoxrin lira (Lm20) fuq it-tielet (**3**), ir-raba’ (**4**) u l-hames (**5**) imputazzjoni; dik il-Qorti wkoll skwalifikatu milli jkollu jew milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena;

Rat it-talba ta’ Gilmore Cachia, maghmula u akkordata fit-3 ta’ Dicembru 2007, li permezz taghha talab is-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni ta’ din is-sentenza ghall-fini ta’ appell minnha;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Gilmore Cachia, minnu pprezentat fl-14 ta’ Dicembru 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti “ma setghet qatt legalment issib htija fil-konfront ta’ l-imputat ghaliex dak fl-akkuza…li jigi msejjah bhala *mini moto* ma huwiex vettura jew *motor car* skond id-definizzjoni moghtija mill-Kap. 65 u l-Kap. 104.” It-tieni aggravju hu fis-sens li l-piena, specjalment dik tas-sospensjoni tal-licenzja, kienet eccessiva.

Il-fatti, li dwarhom ma hemmx verament kontestazzjoni, kienu s-segwenti: fil-gurnata u fil-hin indikati fic-citazzjoni l-appellant kien qed isuq “mini moto” fi triq pubblika b’velocita` ta’ bejn il-hmistax u l-ghoxrin kilometru fil-

siegha. Din il-"mini moto" tikkonsisti fi speci ta' "motorcycle" – u ghalhekk b'zewg roti – li pero` tkun zghira hafna – xi erba' piedi w nofs minn tarf sa tarf. Din il-"mini moto" tista' tkun tahdem jew bil-batterija jew, bhalma kienet f'dan il-kaz, b'magna li tuza l-petrol. Din il-vettura zghira li kien qed isuq l-appellant la kienet licenzjata u anqas ma kellha "number plates"; u l-appellant kien qed isuqha minghajr ma kien liebes "crash helmet". Jirrizulta wkoll mill-affidavit ta' PC670 Walter Sheldon li l-appellant la kellu licenzja biex isuq tali mutur u anqas ma kien hemm polza ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' l-istess mutur dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104), kif ukoll ir-regolamenti maghmula taht dawn iz-zewg ligijiet principali, fosthom ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128/1994), ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Licenzji tas-Sewqan) (A.L. 191/2002), ir-Regolamenti dwar Cikletti bil-Pedali u Muturi b'Qawwa Baxxa (A.L. 129/2004), ir-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (A.L. 476/2004), kif ukoll ir-Regolamenti dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (A.L. 611/1939), u hi tal-fehma li l-appellant m'ghandux ragun ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju. Ir-regolamenti maghmula taht il-Kap. 65 (kif ukoll taht il-Kap. 104) <u>ma jistghux jidderogaw minn dak li tipprovdi l-ligi principali</u>. Ghalkemm jista' jaghti l-kaz li l-vettura li kien qed isuq l-appellant ma kienitx registrabbli ma' l-Awtorita` dwar it-Trasport ghall-finijiet ta' l-A.L. 476/2004 u setghet kienet anke tikkwalifika bhala "low powered cycle" ghall-finijiet ta' l-A.L. 129/2004, jibqa' l-fatt li ghall-finijiet tal-Kap. 65 din kienet "*motor car*" li, skond l-Artikolu 15(1)(a), ma setghetx tinstaq (ovvjament fi triq pubblika) minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr ma tkun licenzjata. Ghall-finijiet tal-Kap. 65, "*motor car*" tfisser "vettura mmexxija b'forza mekkanika" (ara l-Artikolu 2), u certament il-vettura li kien qed isuq l-appellant – tissejjahx "mini moto" jew xi haga ohra huwa rrelevanti – tinkwadra f'tali definizzjoni. L-istess jista' jinghad ghal dak li jirrigwarda l-Kap. 104. Skond l-

Artikolu 2 tal-Kap. 104, "vettura bil-mutur" tfisser "kull vettura mahsuba biex tivjagga fuq l-art u li tkun immexxija b'forza mekkanika, imma li ma timxix fuq il-binari, u kull *trailer*, kemm akkopjat kemm mhux". Imbaghad, skond l-Artikolu 3(1) ta' l-imsemmija ordinanza, hadd ma jista' juza vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba ma jkunx hemm id-debita kopertura tal-assigurazzjoni fir-rigward ta' dik il-vettura u ta' min isuqha. Ma hemmx dubju, ghalhekk, li bl-uzu li l-appellant ghamel fi triq pubblika tal-"mini moto" hawn aktar 'l fuq imsemmija huwa kiser kemm il-Kap. 65 kif ukoll il-Kap. 104, kif gustament ikkonkludiet l-ewwel qorti.

Kwantu ghat-tieni aggravju, ftit li xejn hemm xi tghid. Il-piena ta' multa ta' elf lira (Euro 2329.37) hija l-minimu applikabbli skond l-Artikolu 3(2)(a) tal-Kap. 104, u l-iskwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal periodu ta' sena hija tassattiva (ara l-Artikolu 3(2A) ta' l-imsemmi Kap. 104). Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma hemm lok ta' ebda varjazzjoni fil-piena.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta' sena skwalifika mill-licenzja tas-sewqan jibda jiddekorri mil-lum, u dan konformement ma' dak li jipprovdi l-paragrafu (a) tas-subartikolu (2A) tal-imsemmi Artikolu 3 tal-Kap. 104.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------